Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 420 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Joseph Ellul Sullivan

Illum 9 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Joseph Ellul Sullivan detenur tal-karta tal-identita Maltija 115883 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Jannar, 2015 ghall-habta ta' 4:00 hrs gewwa Triq il-Kbira, San Giljan, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCB 903;

1. Saq vettura Nru FCB 903 b'manjiera (a) traskurata.
2. Saq vettura Nru FCB 903 b'manjiera (b) u bla kont.
3. Saq vettura Nru FCB 903 b'manjiera (c) perikoluza.
4. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru. FAB952 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Salvatore Brincat;

5. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru. JON 010 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Ashlee Anthony Agius;

6. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru. FCB903 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

7. U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti 15(1)(a)(2), 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet akkuzi kif migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant illiberatu minnhom, sabitu hati ta' l-ewwel, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' akkuzi, u ikkundannatu ghal multa t' elf u hames mitt ewro, li ghandhom jithalsu sa zmien sentejn mill-lum.

Ordnat l-iskwalifika tal-hati milli jkolli jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur li ghandhom jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Ellul Sullivan, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-15 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, filwaqt li thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba akkuzi u kkundannatu ghall-multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li

kellhom jithalsu sa zmien sentejn kif ukoll skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew li jotjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-zmien sitt xhur u minnhom tilliberah jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li, bl-akbar rispett, l-apprezzament ta' provi tal-Ewwel Onoarbbali Qorti kien wiehed kemmxejn superficjali billi li skond l-appellanti ma jirrizulta minn imkien fil-provi migjuba li l-appellant kien qieghed issuq il-vettura FCB903 skond ma gie akkuzat u cioe fi Triq il-Kbira, San Giljan fl-10 ta' Jannr 2015 ghall-habta tal-4:00hrs u lanqas ma jirrizulta li kien qieghed issuq b'manjiera traskurata jew li kien huwa li kkawza l-hsarat akkuzat bihom jew li kien qieghed issuq taht l-influwenza ta' alkohol jew droga jew li konsegwentement ghax kien qieghed issuq irrifjuta li jghati l-kampjun tan-nifs;

Illi mill-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti stess ghandu jirrizulta li sar analazi tal-provi hazin meta l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellanti kien qieghed isuq u dan stante li sejset il-kunsiderazzjoni taghha meta giet biex issib il-htija fuq ix-xhieda ta' PC345 ghaliex (skond l-ewwel paragrafu tal-kunsiderazzjonijiet) *"ix-xhieda l-ohra u cioe il-persuni li sofrew id-danni ma rawx lill-imputat isuq"* – illi pero l-Ewwel Onarabbli Qorti donna ma kkunsidratx li lanqas l-istess PC345 ma kien ra lill-appellanti jsuq billi li fix-xhieda tieghu in kontro-ezami ikkonferma li lis-Sur Joseph Ellul Sullivan ma kienx rah isuq! Illi jekk wiehed jaqra l-affidavit ta' l-istess PC345 huwa qatt ma indika li kien l-appellanti li kien qieghed issuq il-vettura FCB903. Illi b'kull dovut rispett din hija notazzjoni biss da parti tal-pulizija u skond l-appellanti ma tistax titqies bhala prova konkreta ghaliex notazzoni bhal suppozizzjoni hija biss suppozizzjoni u b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista qatt twassal ghal-livell ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali ghall-sejbien ta' htija;

Illi in oltre u apparti dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet biex iddikjarat li kien irrizultalha li l-appellanti kien qieghed issuq il-vettura FCB903 ghaliex (tieni paragrafu tal-kunsiderazzjonijiet) *"l-pulizija stess raw lill-imputat fuq il-post li kien vizibilment agitat u kellu riha ta' alkohol"* – Illi bir-rispett kollu li wiehed ikun agitat u jkollu riha ta' alkohol twassal biex jirrizulta li wiehed allura kien qieghed isuq, l-appellanti ma jistax jifhem!

Illi fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-mod u manjiera ta' kif l-appellanti suppost kien qieghed isuq l-appellanti ma jistghax jibda biex jifhem kif meta hadd mix-xhieda prodotti ma osserva jew ra lill-appellanti jsuq - ahseb u ara l-mod u manjiera ta' kif kien qieghed issuq – allura wiehed ma jistghax jifhem kif il-Qorti waslet biex tkun konvinta sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellanti kien qieghed issuq u li l-appellanti kien qieghed issuq b'manjiera traskurata!

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francesco Darmanin** datata 6.11.2018 fejn dik il-Qorti kienet sahqet:

*Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.*

*Il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale12 jghid:*

*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit "*
*Id-difiza qed tallega li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha sal-grad rikjest milligi u dan ghaliex hadd ma identifika li kien l-appellant li kien qed isuq il-vettura dak in-nhar tal-incident.*

*Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud okulari jixhed u jghid li effettivament ra lill-appellant isuq jew jispjega kif spicca nofs barra mill-vettura li kienet mahbuta f'cint. Lanqas ma hemm prova fejn effettivament instab l-appellant jekk kienx fuq id-driver seat jew passenger seat. Ma hemm xejn dirett biex jallacja lill-appellant mas-sewqan tal-vettura BAB042 u ghalhekk donnha striehet fuq provi cirkostanzjali.*

Illi għalhekk skond l-appellanti l-istess gara fil-kaz odjern billi jidher car li l-Qorti strahet fuq provi cirkostanzjali li b'kull dovut rispett qatt ma setghu iwasslu ghal sejbien ta' htija;

Illi fir-rigward tar-raba, l-hames, is-sitt u s-seba akkuza terga ssir referenza ghas-sentenza hawn kwotata fejn f'dik is-sentenza l-Qorti sahqet hekk:

*Dwar il-hames akkuza l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant talli saq jew ipprova isiq jew kellu kontroll tal vettura numru BAB 042 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni kellha l-ewwel tipprova li in effetti l-appellant kellu l-kontroll tal-vettura jew addirittura ipprova isuq jew saq tali vettura u wara tressaq provi li in effetti ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni naqset li tghamel dan u ma ressqet l-ebda prova li identifikat lill-appelant bhala s-sewwieq tal-vettura li tappartjeni lil Epuras Christian Florin.*

*Illi s-sitt imputazzjoni hija dik bazata fuq l-artikolu 15A (1) u (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. Din, ghad-distinzjoni mir-reat kontemplat fl-artikolu 15B, ma tiddependix minn rizultanza ta' proporzjon ta' alcohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina li jkun izjed mill-limitu preskritt kif indikat fl-artikolu 15I. Ghalhekk din l-imputazzjoni tista' tirrizulta ppruvata indipendentement minn xi reading ta' breathalyser test jew rizultat ta' test fuq xi strument iehor. Tista' tirrizulta minn sinjali bhal ma huma r-riha ta' xorb, li wiehed ikun jixxengel, ikarkar il-kliem jew igib ruhu b' mod li juri li jkun fi stat inebriat u tista' tirrizulta ppruvata anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okkulari li jkunu osservaw lis-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. (ara Il-Pulizija vs. Mathew Calleja u ohrajn) Fir-rigward ta' din s-sitt akkuza jinghad li sabiex il-proskeuzzjoni tkun gustifikata li tiehu kampjun tan-nifs jew tal-awrina tal-appellant una volta tipprova li l-appellant kien qed isuq jew ittenta isuq vettura fi triq pubblika u li kien hemm suspett ragonevoli li kien qieghed taht l-influwenza ta' xorb. X'ghamlet f'din il-kawza l-prosekuzzjoni ressqet lil WPS 224 tixhed u tghid li giet mghajta fuq post fi Triq il-Wardija u sabet lill-appellant go karozza mahbuta. Pero' imkien ma tghid fejn kien fil-karozzza jew x'kien qed ighamel fil-karozza tghid biss "kien jinsab baxxut ma l-art nofsu fit-triq fuq gewwa tal vettura". Illi din hi l-unika ness li gabet il-proskuzzjoni bejn l-appellant u l-vettura li*

*instabet mahbuta. Tghid ukoll li "kellu riha ta' alcohol fejn ukoll gie nnutat li waqt li kien qed jimxi ghad-dritt xi kultant resaq lejn genb". Illi ghalkemm tali agir jista' jammonta ghal-prova cirkostanzjali li l-appellant ma kienx f'kundizjzoni li jsuq minhabba xorb, xorta l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant f'xi hin ipprova jsuq jew li in effetti kien saq.*

*Dwar is-sitt akkuza u cioe' dik li naqas jew irrifjuta li jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-awrina jinghad is-segwenti. Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan da parte tal-appellant u ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha l-ewwel tipprova is-sewqan tieghu li ma kienx wiehed skond il-ligi qabel ma setghet tipprocedi biex tiehu kampjun tan-nifs tal-appellant. Ghalhekk din l-akkuza ukoll m'hix provata.*

Illi ghalhekk fir-rigward tal-akkuzi kollha, gia la darba li ma saritx il-prova li l-appellanti kien qieghed issuq allura skond l-appellanti ghandu jigi lliberat mill-akkuzi kollha;

Illi t-tieni agravju jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti meta waslet kien sabet il-htija fl-appellanti ma osservatx dak rikjest mill-Artikolu 638(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Illi jidher mill-affidavit ta' PC345, li kien investiga l-kaz ukoll superjuri tieghu ossia s-Surgent 1245 certu K. Mifsud li la ngieb biex jixhed u lanqas ma gie prodott affidavit tieghu;
b) Fir-rigward tar-raba u l-hames akkuza ma ngabitx l-ahjar prova ossia x-xhieda ta' Tranport Malta sabiex jivverifikaw dwar lil minn kienu effettivament jappartjenu l-vetturi FAB952 u JON010 dakinhar tal-akkuza u dan stante li r-raba u l-hames akkuzi huma partikolari ghal persuni ta' Salvatore Brincat u Ashlee Anthony Agius rispettivament;

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena imposta fuq l-appellanti tmur oltre minn dik stabbilita fil-ligi kwotata fil-parti tad-decide u cioe l-Artikoli 15(1)(a)(2), 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabbilixxi massimu ta' €1,200 u tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tal-11 ta' Dicemru 2019.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi fl-aggravji imressqa mill-appellant, huwa jikkritika l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta ighid illi ma kien hemm l-ebda prova dwar is-ewqan tal-appellant statne li hadd ma rah isuq il-vettura u in oltre multo magis ghalhekk ma jsitax jirrizulta li s-sewqan tieghu kien wiehed bla kont u traskurat u ukoll stante I ma hemmx prova ts-sewqan tieghu ma kienx hem mil-htiega legali li l-pulzija jiehdu lkamjun tan-nis tal-appellant u ghalhekk fil-fehma tal-appellant kellu ragun li jirrifjuta li joqghod ghat-test tan-nifs ma saritx skont il-ligi billi l-ufficjali tal-pulizija .

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi ghalhekk din il-Qorti ghamlet apprezzament tal provi traskritti fl-atti.

Ikkunsidrat,

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**PC 345 M. Cremona** xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti fejn stqarr li nhar l-10 ta' Jannar, 2015 ghal habta tal-4.30a.m waqt li kienu xoghol ghall-habta mit-8.00p.m sal-5.00a.m gewwa l-ghassa ta' San Giljan, jiena flimkien ma PS 1245 gew infurmati li kien hemm accient tadal gewwa Triw il Kbira San Giljan bejn diversi vetturi izda hadd ma wegga.

Huwa flimkien ma PS 1245 K Mifsud marru fu qil-post fejn min investigazzjoi preliminary setghu jinnotaw li lvettura FCB 903 VW Golg misjuqa minn Joseph Ellul Sullivan kient dahlet go vetturi ohra li kienu iipparkjati fl-istess triw. Setgha jigi notat li l-vettura FAB 952 Fiat Punto li tghajjat lil Salvatore Brincat u vettura numru t' regitrazzjoni JON 010 Opel Corsa li tghajjat lil Ashlee Anthony Agius kienu gew milquta.

Ix-xhud qal ukoll li seta jigi stabilit ukoll li sid il-vettura FCB 903 kien l-ewwel laqghat il-vettura ipparkjata JON 010 li kelha diversi hsarat fil-mera u l-mudguard ta' wara u l-bibien tan-naha tal-lemin u wara intlaqtet il-vettura FAB 952 li kellha hsarat fuq il-mudguard ta' wara u l-bibien tan naha tal-lemin. Konsegwenza tal-kollizzjoni vettura FAB 952 baqghet diehla gol- hajt.

Fuq il-post setgha jigi nutat li x-xuffier tal-vettura FCB 903 u cioe l-appellant Joseph Ellul Sulivan inghata it-twissija mehtiega skond il-ligi minghand PS 1245 sabiex ighamel it-test tan-nifs pero dan irrifjuta li jghamel dan.

In kontro esami seduta stante nhar is-16 ta' Ottubru, 2018 ighid li hu qatt m ara lill-appellant isuq u dan ghalei huwa wasal fuq il-pot wara li sehh l-akkadut

Rat ukoll l-okkorenza mehuda minn l-istess xhud esebita fl-atti a fol. 4 et seq. Illi minn esami ta' l-istess jirrizulta ( fol. 8 ta' 9 tal okkorenza) li skond PS 345 ix-xufier tl vettura kienet Joanne Ellul Sullivan u din ex admissed jghid " kient agitate hafn u mill-ewwel qalet li mhus ser thallas ghall-ispejjez, kif ukoll bdiet tghid li il Fiat kient ipparkjata hazinna u b'hekk kient laqtet il-vettura . Jinghad ukoll flokorenza li PC 345 inotali kellha rih aqawwija ta' xorb, talabha tonfoq f'wicc biex jikkonfemr ali kient riha ta' alcohol u kien meta kkonferm ali r-riha kien dak ta' alcohol li talabha taghti kampjun tan-nis. U hemmhekk akkompanja l-ghassa u qalha li in- nuqqas ta' tehid ta' test jammonta ghall-ammissjoni tat-tehid.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Salvatore Brincat** nhar l-20 ta' April, 2017 (fol. 19) u dan spjega kif kien ipparkja l-vettua teighu numru ta' registrazzjoi FAB 952 jum il-Gimgha u l-ghada is-Sibt filghodu ghal habta ts-7.30a.m hareg u sab il-vettura tieghu mahbuta total loss. Mistoqsi jekk jafx min laqtu jghid li kien certi Ellul Sullivan pero' ma gharufux fl-awla. Fil-fatt ighid li qatt ma kein rah u stqarr li kien Ellul Sullivan li dahal fil-karozza tieghu skond ma gie rapportat fl-okkorenza tal pulizija. Mistoqsi jekk thallasx jghid li le ghalkemm is-socjeta' assikuratrici offriet li ittih is-somma ta' €750 u izomm il-vettura ukoll jew li jiehud l-vettur u ituh is-somma ta' €900. Ikkonferma fuq domand amaghmula lilu li l-incident ma rahx isehh.

**Asley Anthony Agius** ighid li kien nizel hdejn il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni JON 010 li kien ipparkja f'Main street San Giljan u sab li giet milquta . Mistoqsi jek rax l-incident jghid li ma rahx. Mistoqsi jekk thallasx ghall- hsarat li sofra ighid li hadd ma avvicinah biex ihalsu.

Ikkunsidrat,

Illi bhala fatti mis-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-vetturi ta' Salvatore Brincat u Ashley Anthony Agius gew milquta minn vettura tal-ghamla VW Golf numru ta' registrazzjoni FCB 903 u kellhom diversi hsarat.
2. Illi hadd mis-sidien tal-vetturi milquta ma ra l-incident isir.
3. Illi xhieda okulari tas-sewqan tal-appellant ma tresqux.
4. Skond l-affidavit ta' PS 345 kien PS 1245 li allegatament ta' xi twissija lill-appellant qabel ma tlabu jghamel it-test tan-nifs ma xehdx f' dawn il-proceduri u lanqas ma giet esebita it-test bir-rifjut tal-appellant.
5. Pero' skond dak rapporat fl-okkorenza is-sewwieq tal-vettura kienet wahda mara Joanne Ellul Sullivan, li kienet agitata hafna u li kellha riha ta' xorb u li qalet li ma kienitx ser thallas ghall-ispejjez.
6. Illi minkejja li dan PS 345 jghid li s-sewwieq kienet mara l-appellant li hu ragel tressaq il-Qorti akkuzat bir-reati addebitati.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**[2] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi huwa ukoll minnu li "*... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*[3]"(ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino**[4], **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** [5])

Illi pero' f'dan il-kaz jirrizulta xhieda kunflingenti mhux dwar il-atti tal-kaz izda dwar is-sewwieq li alelgatament ikkaguna il-hsarat sofferti mill-kwerelanti. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li PS 345 Mark Geroge Cremona fl-okkorenza redatta minnu jghid li s sewwieq hija mara bl-isem ta' Joanne Ellul Sullivan u jiddiskrivi anke l-istat ta' sokor taghha meta xhed bl-affidavit ighid li is-eswwieq kien ragel u cioe l-appellant. Illi din ix-xhieda hija dijametriakment opposta u irid jigi rilevat li dik ix-xhieda kif rapportata fl–okkorenza hija aktar vicin id-data tal-allegat incident u ghalhekk wisq probabli hija aktar verso simili. Waqt li dik moghtija bl-affidavit u aktar tard ghalhekk ghandha inqas mis-sewwa. Jinghad ukoll li hadd mill-kwerelanti ma ra lill-appellant fuq is-sit, u l-prosekuzzjoni naqset ukoll li tipprova ta' min hi l-vettura li instabet mahbuta fil-vettura tal-kwerelanti u cioe' min hu l-propretarju tal-vettura FCB 903. Dan in- nuqqas zgur li jikkreja konfuzjoni f'mohh il-gudikant u zgur mhux livell ta' prova li ghandha tressaq il- prosekuzzjoni f'kawza kriminali.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-appellanti fis-sens li qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u tielet akkuza u illiberatu minnhom u qeda tilqa' it-talba tal-appellanti sabiex

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002
[3] Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis- fis-17 ta' Settembru 2012

tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet htija u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u l-hlas ta' multa ta' elf u hames smitt euro (€1,500) u minflok tiliberah minn kull akkuza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur